MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Avviz Numru. 33/2007

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 3356/06CX fl-ismijiet:**

**Roberto Bonnici I.D. Card No 490273(M)**
**u martu Therese Bonnici ID. Card No. 201573(M)**

**Vs**

**Patrick Meli, I.D. Card No. 142466(M) f'ismu personali u kif ukoll bhala direttur u in rappresentanza tas-socjeta' Woltz Limited (C34187)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Roberto Bonnici I.D. Card 490273(M) wara li ppremetta illi fit-12 ta' Dicembru 2006 l-esponenti pprezentaw l-Mandat ta' Qbid fir-rikors riferit fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi fil-21 ta' Dicembru 2006 l-Marixxall tal-Qorti ezegwixxa l-istess Mandat u skond ir-riferta datata 21 ta' Dicembru 2006, mill-vicinanzi tar-residenza tad-debitur f'San Gwann, huwa qabad (1) vettura tat-tip BMW 316 ta' lewn kannella bin-numru tar-registrazzjoni EAD-905 u (2) vettura tat-tip Daihatsu Terios bin-numru tar-Registrazzjoni IBI-467 (Dok A).

Illi fid-9 ta' Jannar 2007, (Dok B), l-istess Marixxall eleva il-vettura tat-tip BMW 316 bin-numru tar-Registrazzjoni EAD-905 u hatar bhala kunsinnatarju lil Walter Zammit, I.D. Card No. 499748(M) maghzul mid-debitur u residenti Qronfla l-Hamra, St. Katrina Street, Gharghur, liema riferta giet debitament iffirmata minnhu u mix-xhieda kif titlob il-ligi.

Illi jirrizulta illi din il-vettura hekk elevata mhix ta' valur aktar minn elf liri Maltin (Lm1000) meta s-somma kanonizzata hija dik ta' hames t'elef Liri Maltin (Lm5000) oltre' l-imghaxijiet u l-ispejjes.

Illi jkun ghalhekk opportun ukoll illi tigi elevata l-vettura l-ohra maqbuda, dik Daihatsu Terios, stmata bejn tlieta u erba t'elef Liri Maltin (Lm3000 – Lm4000) sabiex ikunu sodisfatti r-rekwiziti tal-Mandat ta' Qbid msemmi u s-somma kanonizzata illi qed tigi riklamata bil-Mandat odjern, oltre' l-ispejjes u l-imghax.

Illi ukoll jirrizulta illi l-kunsinnatarju Walter Zammit kien ( u presumibilment ghadu bhala silent partner) socju fil-kumpanija debitrici Woltz Limited sa ftit taz-zmien ilu (Dok C) u dan flimkien mal-fatt illi fil-granet illi ghaddew wara l-hatra ta' Walter Zammit bhala kunsinnatarju, l-esponenti ra lill-istess kunsinnatarju jigri fit-toroq bil-vettura BMW maqbuda meta din suppost fuq struzzonijiet tal-Marixxall kellha tithalla fil-garage tal-kunsinnatarju, bi ksur ukoll ta' l-**Artikolu 298 tal-KAP 12** – liema agir allura jikkostitwixxi disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi l-fatt illi l-vettura qed tinstaq fit-toroq huwa mhux biss ksur ta' l-Artiklu tal-Ligi msemmi, izda ukoll ksur tal-**Artikolu 300 tal-KAP12** in kwantu illi vettura fuq it-triq hija

suxxettibli ghal incidenti u deprezzament dejjem akbar fil-valur taghha u allura jirrizulta illi l-kunsinnatarju Walter Zammit mhux qed jiehdu hsieb l-oggett maqbud u elevat bhala missier tajjeb tal-familja.

Illi l-vettura kienet qed tigri fit-toroq jixhduh mhux biss ir-rikorrenti bil-gurament tieghu jekk jinhass il-bzonn, izda anke ritratti illi huwa ha biex jipprova dan.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni:

(1) jigi sostitwit il-kunsinnatarju Walter Zammit stante illi mhux persuna idoneja fic-cirkostanzi biex jagixxi ta' kunsinnatarju tal-oggetti maqbuda u elevati in segwitu ghall-Mandat ta' Qbid de quo, b'persuna ohra illi jista' jigi nominat ghal dan il-ghan mill-esponent stess ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti,
(2) Illi l-istess Walter Zammit jirrispondi ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti meta ghandu jirrizulta illi huwa ma obdiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-Qorti kif trid il-ligi u avzati lilu permezz tal-Marixxal, u
(3) Tigi elevata ukoll il-vettura Daihatsu Terios IBI-467 jew oggetti ohra tad-debitur sabiex jigi sodisfatt l-ammont pretiz bil-Mandat de quo kif kanonizzat minn din l-istess Onorabbli Qorti, jekk hemm bzonn billi jigu minn issa awtorizzat l-isgass tal-fond tad-debitur "Olcote", Triq il-Palma, Madliena, stante illi kif jirrizulta mill-ahhar riferta tal-24 ta' Jannar 2007, ma fetah hadd meta l-Marixxal mar jezegwixxi fil-prezentza tal-esponent u kunsinnatarju iehor (Dok D).

Bl-ispejjes kollha kontra d-debitur intimat.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-8 ta' Frar 2007 (fol 7 tal-atti).

Rat l-atti tal-istess mandat in esami (fol 8 sa fol 21 ibid) kif ukoll il-kopja vera tal-ittra ufficjali mibghuta a basi tal-

artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Fol 20 ibid).

Rat ir-risposta tal-intimat Patrick Meli et noe (fol 27 et seq ibid) u li biha espona umilment:-

Illi l-esponenti jixtieq jirreferi ghall-ittra ufficjali kontestwalment prezentata fir-Registru ma’ din ir-risposta u li kopja taghha qieghda tigi annessa u mmarkata Dok A.

Illi, fl-ewwel lok, il-mandat ta’ qbid surreferit jidher li nhareg a bazi tal-ittra ufficjali surreferita liema ittra ufficjali tikkontjeni fatti mhux veritieri u in kwantu guramentati tirrendi lir-rikorrenti hati ta’ gurament falz u/jew spergur.

Illi lanqas ma giet l-ittra ufficjali mahruga mir-rikorrenti notifikata lill-mart l-esponenti kif mehtieg mill-ligi.

Illi, fit-tieni lok, it-talbiet kontenuti fir-rikors ma jistghux jintlaqghu u dan in kwantu huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Illi ma tezisti l-ebda raguni ghalfejn il-kunsinnatarju Walter Zammit ghandu jigi sostitwit u dana in kwantu l-istess Walter Zammit certament m’huwiex xi wiehed mill-persuni elenkati fl-art. 293 tal-**Kodici t’Organizzazzjoni u Proceduri Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet tal-Malta). Fil-fatt illum ma tezisti ebda relazzjoni li torbot lill-esponenti mieghu u lanqas fil-fatt ma kien l-imsemmi Walter Zammit xi socju mal-esponenti u/jew f’xi socjeta’ li fiha l-esponenti kellu u/jew ghandu xi sehem, kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors tieghu.

Illi l-obbligu tal-kunsinnatarju huwa prorju dak li jiehu hsieb il-haga bhala missier tajjeb tal-familja (art. 300 tal-**Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili**). Jirrizulta fil-fatt li l-vettura msemmija fir-rikors ma kenitx qieghda tigi wzuta mill-kunsinnatarju b’kapricc imma semplicement inharget darba sabiex tittiehed ghand il-‘mechanic’ sabiex jkunu jistghu jsiru xi tiswijiet fuq l-istess vettura, dan kif jista’ facilment jigi kkonfermat mill-‘mechanic’ relattiv. Fl-umli fehma tal-esponenti dan l-agir certament ma jmurx oltre

dak permess mill-ligi.Illi ma tezistix prova li l-esponenti kellu l-vettura fil-pussess tieghu jew li kien qieghed juzaha jew li l-kunsinnatarju hallih juzaha u ghaldaqstant ghalhekk ukoll t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jintlaqghu.

L-esponenti talab sabiex l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat kif ukoll l-ittra ufficjali annessa maghha a fol 29 ibid u markat Dok A.

Rat ir-risposta tal-konsenjatarju Walter Zammit a fol 35 u fol 36 ibid u li biha espona umilment:-

Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors datat 25 ta' Jannar fejn fih, inter alia, jintalab li jigi sostitwit l-esponenti bhala kunsinnatarju u wkoll li l-istess esponenti jirrispondi ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghar-raginijiet hemmhekk moghtija.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti ghandu jirrizulta ampjament ukoll mill-istess korp tar-rikors li t-talbiet tar-rikorrenti kif hemmhekk dedotti fil-konfront tal-esponenti ma jistghux jintlaqghu u dana bili proprju ma jezistux ir-rekwiziti legali necessarji sabiex tali talbiet jirnexxu, minghajr pregudizzju ghall-fatt li dak allegat fir-rikors ghandu tabilfors jigi pruvat.

Illi r-rikorrenti jallega li l-esponenti kien socju fil-kumpanija WOLTZ Limited u li llum ghadu “silent partner”.

Illi effettivament sa mid-dokument ezebit mal-istess rikors jirrizutla li l-esponenti kien trasferixxa l-ishma tieghu fil-kumpanija msemmija lil Patrick Meli f'Mejju tas-sena 2005 jigifieri ferm qabel ma ttiehdu l-proceduri odjerni. Aktar minnhekk, hija daqstant iehor infondata fil-fatt l-allegazzjoni l-ohra tar-rikorrenti li l-esponeneti ghadu xi “silent partner” tas-socjeta' esponenti.

Illi lil hinn minn tali allegazzjonijiet huwa l-art. 293 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jelenka b'mod ezawstiv il-persuni li ma jistghux iservu bhala kunsinnatarji u dan huma:

*“Ma jistghux jigu mahtura bhala kunsinatarji –*
*(a) il-kreditur li jitlob il-hrug tal-mandat;*
*(b) zewg id-debitrici jew il-kreditrici jew mart id-debitur jew il-kreditur;*
*(c) il-missier jew l-omm tal-kreditur jew huh, ohtu, iz-ziju jew iz-zija tieghu, missier jew omm martu jew zewgha jew zewg jew mart bintu jew ibnu;*
*(d) is-seftur tal-kreditur;*
*(e) il-frustier li ma jkollux id-domicilju tieghu f’Malta; jew*
*(f) minghajr il-kunsens tal-kreditur, persuna li tippretendi li hija s-sid tal-hwejjeg maqbuda.”*

Illi certament li l-esponenti ma jaqa’ f’ebda wahda mill-kategoriji hawn fuq elenkati u ghaldaqstant ma tezisti ebda raguni valida fil-ligi li tiggustifika s-sostituzzjoni tal-esponenti bhala kunsinnatarju.

Illi fir-rigward tal-allegat uzu tal-vettura maqbuda, l-esponenti jichad tali allegazzjoni bl-aktar mod kategoriku. L-esponenti qatt m’ghamel uzu ta’ tali vettura hlief skond kif permess mil-ligi.

Illi l-obbligu tal-kunsinnatarju huwa prorju dak li jiehu hsieb il-haga bhala missier tajjeb tal-familja (art. 300 tal-**Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili**). Jinghad li l-esponenti huwa f’posizzjoni li jipprova li l-vettura msemmija fir-rikors ma kienetx qieghda tigi wzata mill-kunsinnatarju b’kapricc imma semplicement inharget darba sabiex tittiehed ghand il-‘mechanic’ fejn kellhom isiruhla xi tiswijiet. Dan jista’ facilment jigi kkonfermat mill-‘mechanic’ relattiv. In vista ta’ dan tigi fix-xejn l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-uzu maghmul mill-kunsinnatarju seta’ b’xi mod jiddepprezza ulterjorment tal-vettura msemmija. Fl-umli fehma tal-esponenti dan l-agir certament ma jmurx oltre dak permess mill-ligi.

Illi tezistix prova li l-esponenti kellu l-vettura fil-pussess tieghu jew li kien qieghed juzaha jew li l-kunsinnatarju hallih juzaha u ghaldaqstant ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jintlaqghu.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti relattivi ghall-mandat in esami u esebiti fl-atti, jidher li, in esekuzzjoni tal-imsemmija ittra ufficjali msemmija mahruga a basi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara, ukoll ghal kull bon fini fol 29 ibid), kien inhareg l-istess mandat ta’ qbid esekuttiv u l-Marixxal kien qabad zewg vetturi wahda tal-marka BMW 316 numru EAD 905 u ohra tal-marka “Daihatsu TERIOS” numru IBI 467 (ara fol 16 ibid).

Sussegwentment, l-istess Marixxall kien eleva l-imsemmija “BMW” u kien gie nominat bhala konsenjatarju, “maghzul mid-debitur” l-istess Walter Zammit li kien presenti (fol 15 ibid). Dwar dan, jinsab verbal iehor miktub mill-istess Marixxal (a fol 21 “a tergo’) fejn jinghad illi kien sar tentattiv sabiex dan il-mandat jigi esegwit ulterjorment fil-post hemm specifikat sitwat f’Triq il-Palma, Madliena pero’ “…. Ma fetah hadd” presenti“… (d)-debitur u konsenjatarju u Burdnar”. Meta xehed il-Marixxal tal-Qorti Carmelo Xuereb (fol 42 et seq ibid) dan spjega illi kien ta’ “…. L-istuzzjonijiet normali (lill-konsenjarju, Walter Zammit) fis-sens illi l-karozza ghandha tigi mpoggija f’garaxx (ara l-firma tal-konsenjatarju a fol 15 ibid). Inoltre hu kkonferma illi kienet giet maqbuda l-vettura l-ohra msemmija li “kont rajtha” mhux meta gie esegwit l-istess mandat izda “f’dati vicin ghall-elevazzjoni”. Pero, meta kien mar sabiex jeleva din il-vettura ukoll “… ma sibtiex fejn kienet originarjament” u meta kien mar “… fl-indirizz ta’ Patrick Meli” sabiex jeleva din il-vettura u jaqbad l-ghamara ukoll, kien gara dak li hu verbalizzat a fol 21 “a tergo”. Inoltre, dwar dejjem il-vettura tal-marka “Daihatsu Terios”, Patrick Meli kien semma’ “.. li din tesisti f’kumpanija li hu ghandu”.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti (fol 45 et seq ibid) xehed illi, wara li l-vettura 'BMW' kienet inghatat u giet konsenjata lill-konsenjatarju hu, fl-17 ta' Jannar 2004, kien ra din il-vettura, parkeggata f'Haz-Zebbug. "… quddiem garaxx" u meta kien mar jistaqsi lil "tal-garaxx" x'kienet qed taghmel hemmhekk, dan kien qallu li kienet ghandu ".. sabiex jaghmel xi tiswijiet fit-tapezzerija" u "… illi kien gabilu ghal dawn ir-riparazzjonijiet Patrick Meli li kien jafu (ara ukoll ir-ritratti esebiti in atti a fol 48 ibid). L-istess rikorrenti jsostni li hemm il-htiega li tigi elevata t-tieni vettura ukoll in vista li l-'B.M.W.' ma ghandhiex valur sufficjenti sabiex jigi kopert il-kreditu dovut lilu u li kien gie informat mill-stess Patrick Meli illi ".. d-dejn fuqha ma kienx thallas minnhom".

Ikkunsidrat

Illi Patrick Meli jsostni (fol 50 et seq ibid) li hu l-uniku direttur u azzjonista tas-socjeta 'Woltz Ltd". Hu kompla biex jghid illi l-istess socjeta kienet kriet hanut minghand ir-rikorrenti liema kirja kienet giet terminata mis-socjeta involuta u b'hekk jidher li inkorriet xi forma ta' penali. Dwar il-vetturi involuti, hu jsostni li dik tal-marka BMW hi l-karozza personali tieghu waqt li l-ohra tappartjeni lis-socjeta. Meta kien hemm presenti l-Marixxal sabiex jesegwixxi il-mandat, fuq il-post, kien hemm biss il-"BMW" waqt li l-ohra "safejn naf jien … kienet f'idejn Walter Zammit" li sussegwentement kien gie suggerit minnu u nominat konsenjatarju tal-istess "BMW". Inoltre hu semma illi meta kien irceva l-ittra ufficjali imsemmija, li permezz taghha kienu nbdew il-proceduri in esami, din l-ittra ufficjali kien ta lill-istess Walter Zammit, meta dan ghadu ma kienx appuntat konsenjatarju. Hu spjega dan billi qal illi l-hanut imsemmi kien effettivament amministrat mill-istess Walter Zammit ossija li kien "jopera l-hanut". Fi kliemu stess, hu qal illi "kien hemm relazzjoni diretta …. bejn Bonnici u l-istess Walter Zammit". Dwar ir-raguni l-ghala l-istess "BMW" kienet f'Haz Zebbug, hu spjega li Walter Zammit kien hadha ghand tellar sabiex titranga il-koxxa ta' bieba tal-istess vettura.

Meta gie prodott Walter Zammit (fol 55 et seq ibid) u hu jsostni li fl-istess socjeta ‘ ma ghandu l-ebda sehem’ (Dwar dan il-punt ara fol 5 ibid). Inoltre il-vettura ‘Daihatsu Terios”, li kienet qed tintuza minnu, filfatt, kellha dejn ta’ madwar Lm4000, bhala bilanc mill-prezz meta nxtrat bi ftehim ta’ “hire purchase”. Dwar l-istess karozza hu sostna li kien xtraha hu stess pero’ “ddeciedejt illi npoggiha fuq Woltz Ltd” fuq liema socjeta hi registrata. Difatti, din il-vettura tintuza minn martu” u “tkun parkeggata f’ 192, Tower Road, Sliema fuq barra fit-triq”.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti illi il-konsenjatarju, Walter Zammit, ghandu konflitt ta’ interess u l-Qorti hadet l-impressjoni, basata fuq il-provi kif esposti illi Patrick Meli qed jagixxi, ukoll, bhala “presta nome“ ghall-istess konsenjatarju. Minhabba dan il-Qorti thoss illi ma tistax tippermetti lill-Walter Zammit sabiex jkompli jagixxi ta’ konsenjatarju minhabba tali konflitt u ghalhekk jkun pjenament gustifikat li jitnehha minn din il-kariga peress li ma jidhirx li jista’ jesegwixxi l-obbligi tieghu bhala konsenjatarju.

Illi hu minnu li l-istess Walter Zammit kien hareg mill-‘garage’ fejn qed tinzamm l-karozza “BMW” f’okkazzjoni wahda biss sabiex jsiru xi riparazzjonijiet fiha. Pero dan sar minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti. Pero l-Qorti ma’ tarax li ghandha ssib lill-istess Walter Zammit hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha peress li ma giex pruvat li, f’dan il-kaz, il-ksur, da parti tieghu, kien daqshekk gravi li jimmerita xi piena ta’ natura kriminali.

Illi fl-ahhar nett jidher li hu mehtieg illi l-vettura “Daihatsu Terios” tigi elevata ukoll in vista li jidher li l-vettura gja elevata ma hiex sufficjenti sabiex tkopri d-debitu kollu in kwisjtoni u ghal dan il-ghan, qed jigi awtorizzat l-isgazz tal-fond imsemmi fit-tielet talba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma takkoljiex it-tieni talba kif dedotta mir-rikors in esami tilqa l-ewwel (1) u t-tielet (3) talba u;

(a) tissostitwixxi lill-konsenjatarju Walter Zammit b'persuna ohra, idonea skond il-ligi u suggerita lill-Marixall mill-istess rikorrenti.
(b) Tordna u tawtorizza li tigi elevata il-vettura "Daihatsu Terios" numru IBI 467 kif ukoll oggetti ohra tal-istess Patrick Meli u tas-socjeta "Woltz Limited" jekk hemm bzonn bl-isgass tal-fond "Olcote", Triq il-Palma fil-Madliena.

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra l-istess intimat pro et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------